MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Numru 319/2005

Il-Pulizija
(Sp Norbert Ciappara u
Sp Antonovich Muscat)
vs
Anthony Seychell, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fil-11 ta'
lulju, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fis-27 ta' ġunju, 2004, fiż-Żejtun għamel xi ħaġa bi ksur ta' l-ordni tal-Qorti, maħruġ mill-Maġistrat Dr. Dennis Montebello fis-26 ta' ġunju, 2004;
b. talli fit-28 ta' ġunju, 2004, fiż-Żejtun, ittanta jagħmel reat kontra ordni maħruġ mill- Maġistrat Dr. Dennis Montebello fis-26 ta' ġunju, 2004.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-

ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja bis-saħħa tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ ġunju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 22B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitejn lira maltin (Lm200).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------